# Dawl biex idawwal il-ġnus
## Adorazzjoni Ewkaristika – Il-Preżentazzjoni tal-Mulej
## Frar 2024

### Innu għal waqt l-Espożizzjoni

### Viżta lil Ġesù Ewkaristija
Dawl minn dawl, u dija safja
tal-Missier u l-glorja tiegħu,
int tad-dawl il-għajn u l-bidu,
inti l-jum li l-jum iddawwal.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Iddi, Xemx tassew, fuq ruħna
lejl u nhar bil-bjuda tiegħek;
ixħet ġewwa fina r-raġġi
tal-Ispirtu, dawl ħajjitna.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Dawl, wettaqna f'kulma nagħmlu,
biex quddiemek ngħixu safja,
b'fidi mħeġġa w tama sħiħa,
qawwijin fl-imħabba tiegħek.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Kun int, Kristu, l-ikel tagħna,
tkun il-fidi x-xorb ta' ruħna,
biex matul ħajjitna nsibu
għajn ta' ferħ fl-Ispirtu s-Santu.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Glorja 'l Alla, l-Missier tagħna;
tifħir lilek, Kristu Sidna;
jitla' r-radd ta' ħajr minn qalbna
lill-Ispirtu li ġej minnkom. Ammen.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Skont il-fehma tal-Papa: *Missierna, Sliema, Glorja*

Noħorġu lkoll biex nilqgħu lill-Iben ta' Alla, aħna li b'tjieba kbira nagħtu qima u ġieħ lill-misteru tiegħu. Immorru bil-qalb kollha lkoll kemm aħna. Ma għandu jkun hemm ħadd li ma jiħux sehem magħna f'din il-laqgħa, ħadd li ma jġibx miegħu d-dawl mixgħul f'idejh.

Nieħdu magħna x-xemgħat jiddu, biex nuru d-dija divina ta' dak li riesaq lejna, dak li bih jiddawwal kollox, li jkeċċi l-kruha tad-dlamijiet u jimla

> kollox bid-dawl tiegħu ta' dejjem; nieħdu magħna x-xemgħat, l-iżjed biex nuru d-dija spiritwali li tinħtieġilna biex immorru nilqgħu lil Kristu.
> (*Ex Oratióne III Sancti Sophrónii de Hypapante*, 6, 7 [PG 87.3.3291-3293])

Hekk iħeġġiġna San Sofronju ta' Ġerusalemm lilna li ersaqna quddiem il-Mulej f'dan il-jum ta' festa li jfakkarna fil-preżentazzjoni tiegħu lil Alla, kif kienet titlob il-liġi ta' Mosè għal kull l-ewwel iben—ġest li jista' jiġi mifhum ukoll b'mod kuntrarju, jiġifieri li l-Iben ta' Alla magħmul bniedem jidħol fil-palazz tiegħu, fid-dar li jdejn il-bniedem bnew għalih biex hemm jiltaqgħu miegħu u jqimuh. Minkejja li għadu tarbija fraġli u ċkejkna, xorta waħda l-ebda tempju ma seta' jesgħu. Hu kien tassew il-Qaddis tal-Qaddisin. Hu kien il-ħaruf li kien se jiġi offrut bi tpattija għal dnubietna mhux fit-tempju imma 'l barra mill-belt, bħal wieħed miċħud minn niesu stess.
Imma llum nifirħu bid-dawl, issimbolizzat b'mod qawwi bir-rit tat-tberik tax-xemgħat fejn is-saċerdot flimkien mal-ġemgħa jidħlu huma wkoll fil-maqdes ta' Alla f'nofs djarhom bid-dawl ta' Kristu f'idhom—kif nagħmlu wkoll f'Sibt il-Għid—għax huwa proprju Kristu d-dawl tagħna, u huwa dawl li jfisser salvazzjoni, kif stqarr b'radd il-ħajr ix-xwejjaħ Xmun dakinhar: "Issa, o Sid, tista' tħalli l-qaddej tiegħek imur fis-sliem, skont kelmtek; għaliex għajnejja raw is-salvazzjoni tiegħek, li int ħejjejt għall-popli kollha: dawl biex idawwal il-ġnus, u glorja tal-poplu tiegħek Israel" (Lq 2, 29-32)

## Innu Ewkaristiku

Ejjew infaħħru lil Ġesù Kristu, id-dawl tad-dinja, permezz ta' Salm 119, billi flimkien intennu: ***Musbieħ għal riġlejja kelmtek, Mulej***.

(Salm 119, 105-106. 108. 111-112. 130-131. 132. 135)

Fanal għal riġlejja l-kelma tiegħek,
u dawl fil-mogħdija tiegħi.
Ħlift, u rrid inżomm kelmti,
li nħares id-digrieti ġusti tiegħek. **R/.**

Ilqa', Mulej, il-qima ta' fommi,
u għallimni d-digrieti tiegħek.
Il-preċetti tiegħek wirti għal dejjem;
huma l-għaxqa ta' qalbi.
Inħajjar 'il qalbi biex tħares il-kmandamenti tiegħek,
għal dejjem u sal-aħħar. **R/.**

It-tifsir ta' kelmtek jagħti d-dawl,
ifiehem lil min ma jafx.
Niftaħ fommi u nieħu r-ruħ,
għax nixxennaq għall-kmandamenti tiegħek. **R/.**

Dur lejja u ħenn għalija,
kif dejjem tagħmel ma' min iħobb 'l ismek.
Ħa jiddi wiċċek fuq il-qaddej tiegħek,
għallimni l-kmandamenti tiegħek. ***R/.***

*(adorazzjoni fis-skiet)*

Mulej, meta nżilt tgħammar fostna, minkejja l-faqar u l-umiltà kollha li fiha twelidt u għext il-bqija ta' ħajtek, xorta waħda l-misteru tiegħek huwa misteru ta' dawl. Mhux ta' b'xejn li Xmun, waqt li jbennek f'idejh, jistqarr b'fidi soda li inti d-dawl li ġejt biex iddawwal il-ġnus. Fit-twelid tiegħek iddiet id-dija tal-anġli fis-sema li wasslu l-aħbar lil xi rgħajja, li kienu skart tas-soċjetà; u kewkba ddiet biex twassal għandek l-għorrief mil-Lvant, minn fejn titla' x-xemx, sabiex ifittxu u jsibu lix-Xemx vera. Kif nistgħu, mal-Evanġelista Mattew, ma narawx iseħħ fik dak li ħabbar il-Profeta Isaija tant sekli qabel:

Imma l-lejl għad jgħib;
dlam aktar ma jkunx hemm,
fejn qabel kien hemm id-dwejjaq.
Bħalma qabel fl-imgħoddi kien mela bl-għajb
l-art ta' Żebulun u l-art ta' Naftali,
hekk issa fl-aħħar isebbaħ it-triq tal-baħar,
'l hemm mill-Ġordan,
il-Galilija tal-ġnus.
Il-poplu li kien miexi fid-dlam
ra dawl kbir;
in-nies li joqogħdu f'art id-dlam
dawl idda fuqhom. (Is 8, 22-9, 1; ara Mt 4, 15-16)

Aħna u nqimuk, kif nistgħu ma nħallux l-għanja mistika li tiftaħ l-Evanġelju skont San Ġwann isir ukoll l-għanja tagħna u nistqarruk bħala "dak id-dawl veru, li jdawwal kull bniedem, huwa u ġej fid-dinja" (Ġw 1, 9)!
Kif jista' jkun li, bħall-għama fl-istess Evanġelju, ma nħallux lilek, "id-dawl tad-dinja" (Ġw 9, 5) li kollox bik sar, u xejn ma sar mingħajrek (ara Ġw 1, 3), tgħammex lil għajnejna bid-dija tiegħek biex nibdew naraw tassew, mhux biss bl-għajnejn tal-laħam, imma wkoll bl-għajnejn tal-qalb u l-għajnejn tal-fidi!
Iva, Mulej, nadurawk, o Dawl tal-ġnus, li ġejt biex tgħarrafna l-wiċċ kollu mħabba tal-Missier fit-tbissima tiddi tiegħek. Inqimuk, o Dawl tad-dinja, li ġejt biex toħloqha mill-ġdid bid-dawl tal-qawmien wara li nħakmet mid-dalma tad-dnub u l-mewt.

**Innu Ewkaristiku**

Mulej, barra li permezz tiegħu naraw, id-dawl jimplika wkoll affarijiet oħra. Fid-dawl naraw affarijiet li fid-dlam ma jidhrux u fin-nuqqas ta' dawl ma jagħtux fil-għajn. Imma iktar ma nersqu lejk, Mulej, flok nissaffew, iktar inħossuna maħmuġin għax iktar ma nersqu lejn id-dawl iktar jinkixfu d-difetti u t-tbajja'. Imma għalfejn naqtgħu qalbna? Ma nafux mill-Ktieb tal-Apokalissi li l-libsa bajda tagħna—il-libsa tal-magħmudija—li mtliet bit-tajn tat-taħbit tal-ħajja tista' tinħasel permezz tas-Sagrament tal-Qrar u fl-aħħar se titbajjad fid-demm tiegħek, il-Ħaruf ta' Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja (ara Ġw 1, 29; Apok 7, 14)!
Iva, aħna qegħdin hawn, bħal donna nixxemmxu quddiemek għax, bħalma ġralu Mosè, id-dawl tiegħek jiddi fuq il-wiċċ ta' min jagħżel li jħares lejh ... dawl li ma jintefiex xħin noħorġu mill-knisja imma jista' jibqa' jiddi jekk aħna nħalluk tkun id-dawl tad-dinja fina u permezz tagħna.
U, veru, għax nafu li ma' kull dawl li jiddi fuq oġġett wieqaf jew imqabbeż 'il barra, jinħoloq ukoll dell li jinxteħet skont il-qagħda tal-oġġett u d-direzzjoni li minnu jiġi d-dawl. Għalhekk, nistgħu ngħidu li aħna lkoll għandna dellna tqil għax imdawlin minn dawl ferm qawwi; dellna tqil għax minna hu mistenni li nkunu persuni awtentiċi; mhux qaddisin lesti imma lanqas mitluqin, iżda qegħdin nitħabtu biex nersqu iktar lejn id-dawl tiegħek li jsaffi.
Bħal Ommok, f'din il-mixja aħna m'aħniex waħedna għax hija l-qawwa tal-Għoli li tixħet id-dell tagħha fuqna biex tkenninna u timlina bil-qawwa. Bħal Pietru, Ġakbu u Ġwanni fuq it-Tabor, id-dawl glorjuż tat-trasfigurazzjoni tiegħek jixħet dell fuqna li jwemmen lil qalbna li inti tassew l-Iben għażiż li fik il-Missier isib l-għaxqa tiegħu u, jekk nisimgħu kelmtek, żgur li mhux se nitilfu t-triq.
Veru, dellna tqil, imma bid-dawl tiegħek fuqna, nafu li anke dad-dell ġej minnek, bħad-dell ta' Pietru wara l-qawmien tiegħek mill-mewt li, kif insibu fl-Atti tal-Appostli (5, 15), il-morda li kien jaqa' fuqhom kienu jfiequ. Id-dellijiet fina nistgħu narawhom dgħufijiet, nuqqas ta' dawl. Imma, meta nħalluhom f'idejk, anke l-istess dellijiet tagħna jistgħu jkunu ta' farraġ għal min iħossu mitluf fid-dlam u, permezz tiegħu, illum ukoll tista' tagħti l-fejqan u l-ħelsien li, bla ma jinjora d-dell u d-dlam, ma jibżax iħares lejn id-dawl tiegħek sabiex jiddawwal minnu.

*(adorazzjoni fis-skiet)*

Mulej, hekk kif wasalna biex intemmu dan il-ħin ta' talb u noħorġu barra fejn ta' kuljum ikollna nħabbtu wiċċna ma' ħafna dlam u dellijiet, se rressqulek it-talb tagħna għal din id-dinja li fiha ġejt, ukoll jekk ma laqatekx, u wkoll għall-Knisja li fuq il-wiċċ tagħha tiddi inti, id-Dawl tal-ġnus, billi ngħidu flimkien: ***Dawl tal-ġnus, ismagħna.***

- O Musbieħ jiddi fid-dlam, kun id-dawl li jmexxi l-passi tal-Knisja u tad-dixxipli kollha tiegħek fit-triq tas-sliem. ***R/.***
- O Dawl tal-ġnus, ħa jiddu fostna l-paċi u l-ġustizzja, partikolarment fejn hemm il-gwerer, il-biża' u l-vjolenza. ***R/.***

- O Xemx tal-ġustizzja, itla' u dawwal lil dawk li huma maħkumin mid-dlam tal-vizzju, tan-nuqqas ta' fidi u l-egoiżmu, tal-qtigħ il-qalb u l-problemi ta' saħħa mentali. ***R/.***
- Int li wiċċek sar jiddi bħax-xemx u lbiesek sar abjad bħad-dawl, libbes mill-ġdid bid-dinjità lil dawk kollha li ġew inkasbra, abbużati, jew li d-dinjità umana tagħhom sefgħet mirfusa. ***R/.***
- O Dawl Divin, ressaqna dejjem lejk sabiex fid-dawl tiegħek naraw id-dawl u inti ssaffina mit-tbajja' kollha tagħna. ***R/.***
- O Dawl ta' dejjem, ixħet id-dija tiegħek fuq ħutna l-mejtin u lqagħhom f'Ġerusalemm tas-sema li fiha la hemm xemx u lanqas qamar għax hija mdawla bil-glorja tiegħek u l-musbieħ tagħha huwa int, il-Ħaruf. ***R/.***

O Dawl tal-ġnus, ilqa' dan it-talb fqajjar tagħna u agħmel li fik insibu l-mistrieħ tagħna għax nagħrfu u nemmnu li inti s-salvatur tagħna, li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

**Barka Sagramentali**